MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1642/2003

**Joseph Cachia**

**Vs**

**Yellow Fun Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Awissu 2003 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm707.96 (sebgha mija u sebgha liri Maltin u sitta u disghin centezmu) dovuti ghal xoghol maghmula fuq ordni tas-socjeta` konvenuta.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma ta' seba` mija u seba` liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm707.96) ammont komplessiv ta` zewg invoinces numri 147 u 148 dovuti ghal xoghol maghmula fuq ordni tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-ammont dovut ma huwiex dovut mis-socjeta` eccipjenti, li qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur, stante illi s-socjeta` eccipjenti qatt ma kkommissjonat ebda xogholijiet minghand l-attur, u kwalunkwe relazzjoni illi sethget kien hemm in konnessjoni man-negozju riferit fit-talbiet attrici, kienet ma' certu Publius Falzon, kif jista` jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghaldaqstant, is-socjeta` eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont dovut huwa, fi kwalunkwe kaz, eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kawza odjerna hija rizultat ta' carezza ossia nuqqas ta' ftehim grossolan fuq min kellu jaghmel ix-xoghol fejn hu a spejjes ta' min. Mhux kontestat li l-attur ipprovda l-ispazju tal-magazinagg fejn sar ix-xoghol fuq id-dghajjes tas-socjeta` konvenuta. Hekk minn dan ipprovda apparat, dawl u konsumabbli ohra. Aktar minn hekk l-istess attur hallas lil certu Charles Busuttil ta' xoghol ta' fibre mahdum fuq id-dghajjes.

Illi x-xhud per eccellenza kien Publius Falzon (vide xhieda stante ta' 7 ta' Dicembru 2004). Dana xehed li huwa thallas ta' materjal u xoghol minnu provdut. Ma kellux x'jaqsam mad-dovut lill-attur.

In vista ta' din l-oggezzjoni kellha ghal pretenzjoni attrici is-socjeta` konvenuta messet ikkjarrat fil-kawza lill-istess Publius Falzon inkarigat minnha u li kienet il-persuna li inkarigat lill-attur in prim ordine.

Illi kif gie ritenut ommia labor optat premium equita` u arrikkibilta indebitu. L-attur irid ihallas minn dik il-persuna li ghaliha u fl-interess taghha sar ix-xoghol. Ir-relazzjoni ta' bejn is-socjeta` konvenuta u lil min inkarigat hija res inter alios acta ghalih.

Illi l-kontijiet indikati Vol 16/17 tal-process ma gewx kontestati u ghalhekk qed jigu akkordati.

Jiddeciedi li fil-waqt li jichad l-eccezjonijiet tas-socjeta` konvenuta jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannha thallas is-somma ta' Lm707.96 bl-ispejjes u interessi kif mitluba salv kull azzjoni si et quatenus tal-istess socjeta` konvenuta kontra Publius Falzon.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------